SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IL-HAMES KUNSILL 2007-2010**

**SEDUTA NUMRU 28**

**IL-ĦAMIS 23 ta' LULJU 2009 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| CARMEN SAID | SINDKU | |
| JOSEPH BONELLO | VIĊ SINDKU | |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER | |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER | |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER | |
| RENE`ROSSINGAUD | KUNSILLIER | (wasal fil-5.25p.m.) |
| GORDON SHEPHARD | KUNSILLIER | (wasal fil-5.40p.m.) |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NUMRU 25, 26 u 27

1. Il-minuti ta' dawn is-seduta ġew approvati.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk saritx l-applikazzjoni għall-exchange of Citizens ma' l-EU għaż-żjara tac-cittadini mis-Swieqi f' Taormina. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill ta' Taormina ma laħaqx għamel l-applikazzjoni, li għalqet fl-1 ta' Settembru 2009. Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li l-applikazzjoni ma' l-EU mill Kunsill Lokali tas-Swieqi li ġiet sottomessa fl-1 ta' April 2009 ġiet aċċettata w għaldaqstant ser jibdew l-arranġamenti sabiex iċ-ċittadini ta' Taormina jiġu Malta għal Jum is-Swieqi fil-11 ta' Settembru 2009.
   Il-Kunsill insista li l-applikazzjoni ta' dan il-Kunsill għandha tiġi ffriżaqta, jekk dan mhux possibli allura din tiġi kkanċellata w għaldaqstant ma jiġiex iffirmat l-Kuntratt aħħari. Il-Kunsill wasal għal din id-deċiżjoni wara korrispondenza mingħand il-Kunsill ta' Taormina fejn dawn infurmaw li minħabba problemi finanazjarji fil-Kunsill tagħhom din l-attivita' mhux ser tkun possibli għalissa. Il-Kunsillier Fenech irrimarka li f' dawn is-snin kollha ta' kemm ilu li twaqqaf il-gemellaġġ mis-Sena 2000 il-Kunsill ta' Taormina qatt ma għamel kuntatt mall-Kunsill tagħna w dan għall-detriment tar-residenti tagħna. Għal din ir-raġuni l-Kunsillier jaqbel li l-applikazzjoni għandha tiġi kkanċellata.

2. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk waslitx xi tweġiba mill-MEPA dwar ic-cint tas-sejjieħ mibni l-barra fi Triq ta' l-Ibrag.
   Il-Kunsillier ġie nfurmat li dwar dan iċ-ċint, il-Perit tal-Kunsill kien diġa kiteb lill-MEPA u anki bagħat reminder fl-20 ta' Lulju 2009 pero' għad ma waslitx risposta.

3. Il-Kunsillier Curmi staqsa jekk sarux żviluppi dwar l-espropjazzjoni ta' art fin-naħa ta' fuq fi Triq is-Swieqi, it-trejqa li tagħti aċċess għal San Ġwann. Is-Sindku wieġbet li għad ma waslitx risposta mill-ADT.

4. Il-Kunsillier staqsa meta ser jiġi nstallat id-dawl ta' wara l-ġnien tas-Swieqi. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l-applikazzjoni għad ma ġietx approvata mill-Enemalta, pero' l-Kuntrattur diġa ġie inkarigat biex iħejji l-istima tax-xogħlijiet rikjesti. Dawn ser jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill fis-seduta li jmiss.

5. Il-Kunsillier Fava nforma b'diversi abbużi li qed isiru fis-sistema tal-one way ta' Triq l-Uqija. Hu staqsa għall-aktar sorveljanza ta' wardens. Hu staqsa wkoll għar-rapport mill-Kumitat Konġunt dwar kemm ingħataw citazzjonijiet f' din it-Triq.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli........................)

6. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux aktar ilmenti mir-residenti ta' Pjazza Uqija wara l-laqgħa li kienet saret fil-kunsill ma' l-ispettur tad-distrett. Is-Segretarju wieġeb li sa issa ma waslux aktar ilmenti. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma wkoll li l-iSpettur kellu laqgħa mal-propjetarju tal-Greens. F' din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi ta' perkaġġ kif ukoll il-ħinijiet ta' *deliveries*. Il-Kunsillier nforma wkoll li hu għandu nformazzjoni li xi residenti ċemplu l-għassa ta' San Ġiljan għall-preżenza tal-Pulizija minħabba l-abbużi ta' parkeġġ pero' l-Pulizija ma marrux fuq il-post għax ma kellhomx vettura għad-dispożizzjoni tagħhom.

7. Il-Kunsillier Fava rraporta li għandu nformazzjoni dwar sewwieqa li jabbużaw mill-one way ta' Triq is-Swieqi li tagħti aċċess għal San Ġwann. Hu staqsa biex fil-laqgħa ta' kull xahar li ssir ma' l-iSpettur tinġibed l-attenzjoni u ssir sorveljanza mill-Pulizija l-aktar fil-weekends.

8. Il-Kunsillier staqsa jekk sarux xi żviluppi dwar t-tarmac fit-toroq tal-Madliena wara l-laqgħa li kienet saret mar-residenti u li għaliha kien preżent s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said. Hu ġie nfurmat li l-ADT għad ma kkonfermatx jekk huwiex ser isir xi xogħlijiet fil-Madliena pero' l-Kunsill għad qed jistenna r-riżultat dwar l-applikazzjoni għal fondi speċjali li kienu saru għar-resurfacing ta' 6 toroq li 5 minnhom huma fil-Madliena.

9. Il-Kunsillier staqsa jekk it-team tal-football f'isem Swieqi Football Club ippreżentawx kuntratt, bħal dak li ppreżentaw lill-Kunsill Malti għall-isports u lill-Malta Playingfield Association (MPA). Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li dan għad ma ġiex ippreżentat pero' diġa sar kuntatt mas-Segretarju sabiex tingħata kopja mill-aktar fis. Il-Kunsillier talab biex tinkiteb lill-MFA sabiex dawn jibgħatu kopja tad-dkumenti kollha ppreżentati.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mall-Kunsill Malti għall-isports dwar l-attivita' "Youths on the Move". Ġie nfurmat li din l-attivita' ser issir bejn Ottubru u Diċembru 2009 u hija mmirata għaż-żgħażagħ ta' bejn 16 u 30 Sena jew minn 16 l-isfel.
   Il-Kunsill ġie nfurmat li l-attivitajiet ser jiġu organiżżati mill-KMS, il-Kunsill jieħu ħsieb biss li jsib it-tfal. Il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni għandha ssir għal dawk iż-żgħażagħ minn 16 il Sena l-isfel.

2. Is-Sindku nfurmat li waslet il-konferma mid-dipartiment dwar għotja ta' €900.00 għal kiri ta' ground tal-football biex tintuża għall-allentament mit-team tal-football tas-Swieqi.
   Il-Kunsill ikkonkluda li la darba d-dipartiment tal-Gvern Ċentrali lokali ma sabx oġġezzjoni allura din l-għajnuna tista ssir pero' bil-kundizzjoni li tiġi reveduta kull Sena.

3. Is-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata mill-kumitat ta' Swieqi Football Club għall-possiblita' ta' permess għall-użu tat-Tennis Court biex isir BBQ sabiex jinġabru fondi għall-għajnuna ta' l-istess club. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni pero' dawn għandhom inaddfu wara li tispiċċa l-attivita'.

**<u>Inizjattiva Premju Lokalitajiet</u>**

1. Is-Sindku nfurmat b' korrispondenza dwar attivita' kampanja ta' tindif li ser tiġi organiżżata mid-dipartiment tal-Gvern Lokali. Ser jingħataw punti u premijiet għall-aktar lokalita' nadifa. Is-Sindku staqsiet min mill-Kunsillieri huwa nteressat li jieħu ħsieb ir-rkjesti ta' din il-kampanja. Il-Viċi Sindku u l-kunsillier Shephard ħadu l-ikarigu li flimkien jorganiżżaw din l-attivita'.
   Ġie deċiż li ssir laqgħa mall-kuntrattur tal-knis u ta' ġbir ta' l-iskart sabiex dawn ukoll jipparteċipaw. Il-Kunsill talab ukoll sabiex jiġu stampati leflets u jintbagħtu lil kull resident.
   Il-Kunsillier Fava ssuġerixxa li jiġu ordnati basktijiet tax-xoqqa bl-emblema tal-Kunsill, stikers u ittri. Dawn jintbagħtu fid-djar, skejjel ta' l-ingliz fil-lokalita' u anki jitqassmu lir-residenti lill-ħwienet. Il-Kunsillier ssuġerixxa wkoll li ssir kuntatt ma' l-għaqdiet taż-żgħażagħ fil-lokalita' bil-għan li jiġu organizzati attivitajiet ta' tindif. Il-Kunsillier ħa l-inkarigu li jaqgħmel il-logos li ser jiġu stickers.

2. Is-Sindku nfurmat li Skola Sajf bdiet u din qed tkun ta' suċċess. Sa issa ġew applikati 36 tifel u tifla.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

**Inizjattiva Premju Lokalitajiet (jkompli.............)**

3. Is-Sindku rrikomandat li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Ex Viċi Sindku Gregory Brincat għax-xogħol li huwa għamel tul is-snin li dam kunsillier u Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel unanimament.

## II KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

4. Is-Sindku infurmat li fil-preżent qed isiru diversi xogħlijiet ta' bankini fil-lokalita'. Hi talbet lil kull kunsillier biex jirraporta ħsarat fil-bankini mill-aktar fis.

5. Is-Sindku nfurmat li saret laqgħa mall-Perit George Xuereb mill-Ministeru ta' l-Onor. George Pullicino. F' din il-laqgħa ġew diskussi ix-xogħlijiet ta' culverts fit-toroq Triq Pedidalwett, Triq il-Ġejza, Triq it-Tiben, Triq l-Ilqugħ, Triq il-Qasam k/m Triq Sant' Andrija. Dan il-Perit ser jaħdem ukoll fuq stima tar-resurfacing wara li jsiru x-xogħlijiet ta' tħaffir. Din l-istima qed tintalab peress li l-ADT mhux ser jagħmlu xogħlijiet ta' resurfacing minħabba li l-prioritajiet tagħhom għal din is-Sena huma biss toroq għaldaqstant ir-resurfacing irid isir mill-Kunsill. Il-Perit ġie imdawwar mat-toroq kollha ta' fejn ser isiru x-xogħlijiet.

6. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa l-MEPA. Din il-laqgħa kienet dwar il-proġett tal-bini amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Keffa. Għal din il-laqgħa kienu preżenti il-Perit tal-Kunsill, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Shephard u s-Segretarju Eżekuttiv.
   F' din il-laqgħa, uffiċjal mill-MEPA spjega fid-dettal ir-rikjesti li qed jintalbu dwar dan il-proġett. Fil-pjanti għandhom ikunu inklużi Offiċini għall-posta, Berġa u Għassa tal-Pulizija.
   Il-Kunsillier Fava talab sabiex issir laqgħa ma' l-Onor. Chris Said u l-Onor Jason Azzopardi bħala rappreżentanti tal-Gvern Ċentrali biex jiġi stabbilit il-pożiżzjoni taghhom dwar dan il-progett speċjalment f' dawk li jirrikjedi faċilitajiet rikjesti. Ma dan il-ftehim kien qabel ukoll il-Perit tal-Kunsill. Din il-laqgħa għandha ssir qabel ma jibda l-proċess ta' pjanti preliminarji u għaldaqstant ma jintefqux spejjes bla bżonn bħal ma ġara fil-kaz tal-Ġnien ta' Triq il-Ħemel.
   Il-kunsillier Curmi rrimarka li la darba sirna nafu bil-miktub ir-rikjesti tal-MEPA ma hemmx għalfejn isiru l-laqgħat ma' l-Onor Chris Said u Jason Azzopardi w għaldaqstant il-Kunsill għandu jibda l-proċess ta' pjanti preliminarji u dan biex jitħaffef il-proċess kemm tad-devoluzzjoni kif ukoll tal-bini.

7. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Perit tal-Kunsill sabiex dan jibda x-xogħlijiet mill-aktar fies.

*Il-Kunsillier Gordon Shephard ġie skużat mill-laqgħa. Ħin 7.15p.m.*

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**Rapporti mill-Viċi Sindku Joseph Bonello**

1. Il-Viċi Sinku talab biex issir laqgħa mas-Sur Charlie Cesare għal possibilta' li jsir tindif fiż-żewġ widien, Wied Għomor u Wied Mejxu. Din tkun parti mill-kampanja ta' attivita' inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

2. Il-Viċi Sindku talab ukoll stima għall-resurfacing ta' madwar 50 metru tul u 4 metri wiesa fi Triq tal-Mekkek. Din l-istima għandha tintbagħat lil ADT peress li dawn ix-xogħlijiet huma parti mir-risponsabilita' tagħhom.

**Rapporti mill-Kunsillier Paul Fenech**

3. Il-Kunsillier informa b' diversi ilmenti mingħand residenti dwar il-parti tal-one way fi Triq is-Sirk. Dawn għal żmien twil ilhom isostnu l-one way fi Triq is-Sirk hija ħażina. Triq is-Sirk għandha tagħti aċċess il' fuq għal Triq is-Sidra. Il-Kunsill talab biex issir laqgħa ma' l-ADT.

4. Il-Kunsillier rraporta dwar abbużi minn zgħażagħ li jiffrekwentaw Paceville. Ħafna min dawn jabbużaw minn xorb żejjed u dawn bi flixken vojta, jagħmlu ħsarat fil-propjeta' u vetturi tar-residenti.
Il-Kunsillier talab sorveljanza spissa mill-Pulizija bejn l-4.00 u s-6.00 ta' filgħodu.Importanti li jkunu preżenti 3 Pulizija wieħed ħdejn il-bridge kantuniera ma' Swieqi Road, l-iehor fi Triq is-Swieqi kantuniera ma' Triq is-Sidra u l-iehor fi Triq is-Sidra knatuniera ma Triq il-Qasam. Din il-ħtieġa tkun l-aktar għax-xahar t' Awissu. Il-Kunsillier anki ssuġġerixxa li dawn il-Pulizija jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsillier talab ukoll biex fil-laqgha ta' kull xahar mall-iSpettur tad-distrett tiġi diskussa din il-problema. Il-Kunsill Fava rrimarka li dwar din il-problema ser jagħmel kuntatt mal-Pulizija.

**Rapporti mill-Kunsillier Rene' Rossignaud**

1. Dan il-Kunsillier ukoll irraporta dwar abbużi li jsiru minn zgħażagħ studenti barranin u anki maltin. Dawn iz-zgħażagħ qed jagħmlu diversi ħsarat fi propjeta' u anki vetturi tar-residenti li joqgħodu fi Triq is-Swieqi u anki ħsarat fil-ġnien tas' Swieqi. Dan il-Kunsillier talab ukoll għal aktar sorveljanza tal-Pulizija l-aktar filgħodu.
Dwar l-istess suġġett il-Kunsillier irraporta li qed jirċievi diversi ittri mingħand ir-residenti. Dawn qed jilmentaw dwar storbju u flixken vojta tal-birra li jitħallew imkissra fil-parapetti tar-residenti.

2. Il-Kunsillier rraporta ħsarat fil-Bus Stop ta' quddiem il-Lukanda Forum. Hu talab biex tiġi rrapurtata lill-ADT mill-aktar fis.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**
**CARMEN SAID** — **Sindku**

**Rapporti mill-Kunsillier Mario Fava**

3. Exchange of Youths ma' Rumania
Il-Kunsillier Fava rrimarka li wara diversi bdil ta' korrispondenza mal-persuna Rumena inkarigata min din l-inizjattiva. Sar qbil li dan l-iskambju ta' studenti jsir fuq bażi ta' edukazzjoni. Għaldaqstant hu ssurġerixxa li ssir laqgħa mal-kapijiet ta' l-iskejjel ta' Pembroke u San Gwann fejn jattendu t-tfal ta' din il-lokalita' u tiġi diskussa din il-possibilta'.
Il-Kunsillier ssuġerixxa li dawn l-laqgħat isiru f' Ottubru peress li fil-preżent l-iskejjel kollha qegħdin bil-vaganzi tas-sajf. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**Rapporti mill-Kunsillier Alfred Curmi**

4. Il-Kunsillier irraporta dwar żewġ ħofriet kbar fi Triq il-Liebru. Hu talab sabiex dawn jissewwew mill-aktar fies.

5. Il-Kunsillier irraporta li Triq is-Sidra is-sinjali tat-traffiku ma sarux bil-galbu. Il-Kunsillier ssuġġerixxa li għandhom jinxtraw forom biex il-kitba STOP fit-toroq tiġi tidher aħjar.

*Il-Kunsillier Mario Fava u Rene' Rossignaud ġew skużati fil-7.45p.m.*

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ż-żewġ kuntatti ta' Ġbir ta' Skart Domestiku u Knis u Qtugħ ta' ħaxix ser jitterminaw f' Settembru 2009, pero' d-dipartiment tal-Gvern Lokali kiteb u nforma biex dawn l-offerti ma jiġux ippublikati għalissa peress li għad iridu jiġu mħabbra r-regolamneti ġodda fil-proċeduri ta' ħruġ ta' offerti.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat li waslet d- dikjarazjoni mingħand is-sid dwar l-installazzjoni ta' panelli solari fuq il-bejt tal-Kunsill. Għaldaqstant issa tista toħroġ l-offerta għal dawn ix-xogħlijiet. Il-Kunsill qabel biex jibdew il-preparamenti biex jiġi ppublikata l-offerta.

3. Il-Kunsill ġie nfurmat li waslet l-approvazzjoni taż-Żebra Crossing fi Triq ta' l-Ibrag fil-viċianza tal-Lukanda Halland. Il-Kunsill talab stima tax-xogħlijiet rikjesti.

**HUGH ZAMMIT** **CARMEN SAID**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## IV KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV( jkompli.....)

4. Il-Kunsill ġie nfurmat b' sistema ta' wifi fil-ġonna pubbliċi. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali għamlet ftehim bejn l-MCA u l-Kumpanija GO biex din is-sistema tiġi tiswa lill-Kunsill €25 kull xahar flok €75.00. Is-Segretarju staqsa jekk il-Kunsill japprovax li din is-sistema tiġi nstallat. Il-Kunsill qabel li din għandha issir u għandha tiġi nstallata fit-3 gonna fi Triq il-Ħemel, Triq is-Swieqi u f' Victoria Gardens.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntratt ta' servizzi klerikali tas-Sinjura MaryRose Decesare ser jiskadi fl-aħħar ta' Lulju 2009. Ġie rrapurtat ukoll li beda l-proċess ma' l-ETC biex tiġi mpjegata persuna oħra. Saru intervisti lil dawk li kienu eliġibli u rriżulta li ħadd ma kien adattat għal din il-kariga.
Mis-sejħa interna li saret lill-kunsill kollha. Kien hemm żewġ applikazzjoni. Dawn kienu ta' żewġ skrivani fi skala 11, l-intervisti tagħhom ser isiru fil-jiem li ġejjien. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li waqt l-intervisti dawn jiġu mistosija jikkunsidrawx li jiġu mpjegati fi skala inqas u dan minħabba kwestjoni ta finanzi. Jekk ir-risposta tkun fin-negattiv allura għandha terġa tintalab lista mill-ETC ta' dawk il-persuni ġodda li huma eliġibbli sa mid-data ta' meta intbagħatet l-ewwel lista.

## V APPROVAZZJONI TA' XIRI U PAGAMENTI.

6. Inqraw il-pagamenti kollha li kienu fuq is-schedule of payments. Dawn kollha ġew approvati.

Billi l-Kunsillieri ma kellhomx aktar x' jiddiskutu, s-Sindku għalqet is-seduta fit-8.45p.m. Sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2009 fil-5.00p.m.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**CARMEN SAID**
**Sindku**